MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Rikors Numru. 51/2015

AB

Vs

CD gia E

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi huwa izzewweg lill-intimat Nancy Spiteri fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Qormi San Gorg fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) skont certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. 'A';

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) min-Nutar Dottor Dorianne Arapa, skont kopja hawn annessa u mmarkata Dokument 'B'.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied;

Illi l-possibilta` ta' rikonciljazzjoni ma martu giet diskussa mal-avukat sottoskritt u inghata mill-istess Avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin skont dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. 'C', izda l-esponenti esprima ruhu fin-negattiv.

Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt tal-manteniment minghand xulxin skont l-artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit;

Illi ghaddew erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u sabiex jig ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara li ż-żwieġ tieghu ma’ Nancy Curmi gja Spiteri hu mahlul u li ghal dan il-ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien stabbilit minnha javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b’hekk l-istess divorzju jkun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. ‘A’;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Frar, 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta’ Novembru 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------